MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Numru 897/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**Patricia Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Patricia Gauci ta' 49 sena, mart Anthony Gauci, bint L' Ettore u Doris nee' Micallef, imwielda Sliema, fis-6 ta' Mejju 1958, u li toqghod f' Flat 5, 'Anton Court', Qawra road, Qawra, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 391758M, akkuzata talli fil-perjodu bejn 1 ta' Novembru u 31 ta' Dicembru 2006, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b rizoluzzjoni wahda :

1. b’ mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’ qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b’ qerq ta’ aktar minn Lm1,000.00 ghad-dannu tal-kumpanija Travelex Financial Serv Malta Ltd;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)
2. u aktar talli, fl-istess data u lok, iffalsifikat cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra illi meta gew prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehdu kunsinna ta’ oggetti, jew tigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’ xi att pubbliku tal-Gvern u cioe’ sett cekkijiet li jappartjenu ghal-Kumpanija TAPA Limited (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 167 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)
3. U aktar talli, fl-istess data u lok, xjentement ghamlet uzu minn tali cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra hekk kif fuq imsemmija (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 169 tal-Ligijiet ta’ Malta)
4. U aktar talli, fl-istess data u lok, ghamlet falsifikazzjonijiet f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe’ sett cekkijiet li jappartjenu ghal-kumpanija TAPA Limited, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zidtu jew biddiltu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw (dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)
5. u aktar talli, fl-istess data u lok, xjentement ghamlet uzu mill-istess att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat att, kitba jew skrittura falza hekk kid fuq imsemmija (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

6. u aktar talli, fl-istess data u lok, serqet tlett cekkijiet bin-numru 42, 290, 291 rispettivament tal-kont bankarju 40013053826 liema kont jappartjeni lil Kumpanija TAPA Limited; (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjez li kellhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok AG 3 u nnutat li l-imputata, m’ ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Mark Bonnici ghan-nom ta’ Travelex Financial Serv Ltd bhala parte civile f’ din il-kawza iddikjara li l-imputat hallset lil kumpanija minnu rapprezentata l-ammont dovut skond ic-cekkijiet.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghat-talba kontenuta fit-Tahrika maghmula a tenur ta’ l-Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi f’ din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez kif kontemplat fl-imsemmi Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Rat l-artikoli 18, 308, 309, 310, 167, 169, 183, 184, 261(c), 267, 279, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Patricia Gauci, fuq ammissjoni, hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta ta' l-imputata u li inoltre fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Mark Bonnici ghan-nom ta' Travelex Finacial Serv Ltd bhala parte civile f' din il-kawza iddikjara li l-imputata hallset lil kumpanija minnu rapprezentata l-ammont dovut skond ic-cekkijiet u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Patricia Gauci ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum l-imputata Patricia Gauci tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija talba a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u riportat aktar qabel f' din is-sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija talba li tirrigwarda l-applikazzjoni ta' l-artikoli 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputata.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Patricia Gauci l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------